

Brussell, 27 ta' Frar 2026
(OR. en)

6849/26
ADD 3

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0059 (COD)

COPEN 65
DROIPEN 40
COARM 28
ENFOPOL 74
JAI 261
CODEC 343

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2026) 103 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT [...] Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar u reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar u li temenda d-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2026) 103 final.

Mehmuż: SWD(2026) 103 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2026
SWD(2026) 103 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

[...]

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar u reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar u li temenda d-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

{COM(2026) 102 final} - {SEC(2026) 102 final} - {SWD(2026) 102 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar il-Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar u reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhil-problema li qiegħda tiġi indirizzata?
<p>L-isfida ġenerali fl-UE hija li l-vjolenza relatata mal-armi tan-nar thedded is-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE. L-għadd ta' reati relatati mal-armi tan-nar jew fejn l-armi tan-nar ikunu ntużaw biex jitwettaq reat għadu għoli u qed jiżdied f'haġna postijiet fl-UE. Din l-isfida hija direttament marbuta mad-disponibbiltà kbira ta' armi tan-nar illeċiti preżenti fit-territorju tal-UE, għalkemm in-nuqqas ta' data armonizzata ma jippermettix li tiġi ppreżentata ċifra preċiża dwar il-fenomeni. Id-disponibbiltà kbira ta' armi tan-nar illeċiti hija mistennija li tiżdied meta l-kunflitt fl-Ukrajna jintemm jew jistabbilizza ruħu.</p> <p>Il-qafas kriminali li jittratta reati bħal dawn huwa frammentat fil-livell tal-UE. L-Istati Membri għandhom definizzjonijiet differenti ta' reati relatati mal-armi tan-nar u pieneni differenti. Dawn id-diskrepanzi regolatorji bejn l-Istati Membri jxekklu l-kooperazzjoni transfruntiera u jaffettwaw b'mod negattiv l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati relatati mal-armi tan-nar. Barra minn hekk, il-livelli ta' pieneni ma humiex effettivi u dissważivi biżżejjed fl-Istati Membri kollha. Dawn il-kwistjonijiet huma mistennija li jmorru għall-aġar minħabba teknoloġiji ġodda, bħall-istampar 3D, li jżidu d-disponibbiltà ta' armi tan-nar manifatturati privatament.</p>
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
<p>L-objettiv ġenerali huwa li tittejjeb il-protezzjoni tan-nies fl-Unjoni kontra t-theddida maħluqa minn armi tan-nar illeċiti. L-enfasi għandha tkun fuq it-tiżiħ tal-livell ta' sigurtà għaċ-ċittadini tagħna u t-tnaqqis tar-reati relatati mal-armi tan-nar.</p> <p>Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv ġenerali, l-inizjattiva tistabbilixxi erba' objettivi speċifiċi:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Tagħmilha aktar faċli li jiġu investigati reati relatati mal-armi tan-nar u jittieħdu passi krinimali dwarhom • Tiżgura infurzar li jibqa' validu fil-futur ta' reati relatati mal-armi tan-nar • Tiżgura tipi u livelli effettivi, dissważivi u proporzjonati ta' pieneni għar-reati relatati mal-armi tan-nar • Ittejjeb l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-ġbir armonizzat tad-data dwar reati relatati mal-armi tan-nar
X'inhil-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?
<p>Azzjoni fil-livell tal-Unjoni se tipprevedi valur miżjud ċar fil-ġlieda kontra r-reati relatati mal-armi tan-nar, li tipikament ikollhom dimensjonijiet tranżnazzjonali, meta mqabbla ma' dak li l-Istati Membri jistgħu jiksbu waħedhom. Bl-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet legali, bl-approssimazzjoni tal-livelli ta' pieneni u bl-għoti ta' għodod u obbligi għall-kooperazzjoni transfruntiera fost l-Istati Membri, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni se toħloq qafas aktar armonizzat bi grad minimu ta' protezzjoni armonizzata minn reati relatati mal-armi tan-nar. Din se tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera u se ttejjeb l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet. Barra minn hekk, se tiżgura infurzar li jibqa' validu fil-futur billi tinkludi teknoloġiji ġodda.</p> <p>L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni se tkun ta' benefiċċju wkoll għal objettivi oħrajn tal-politika tal-UE, minħabba li r-reati relatati mal-armi tan-nar spiss ikunu relatati ma' tipi oħrajn ta' reati</p>

bħall-ħasil tal-flus, it-terroriżmu, it-traffikar tad-drogi, ir-reati vjolenti, il-falsifikazzjoni jew forom oħrajn ta' kriminalità organizzata, li kontrihom, l-UE adottat firxa ta' leġislazzjonijiet fis-snin reċenti. Leġislazzjoni aktar effettiva tikkontribwixxi għal strateġiji effettivi ta' infurzar tal-liġi kriminali u, b'mod ġenerali, ittejjeb is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tevalwa erba' għażliet ta' politika:

- **L-Għażla 1** tikkonsisti f'**sett ta' miżuri mhux leġislattivi** li għandhom l-għan li jiċċaraw il-qafas legali eżistenti u li jinfurkaw l-applikazzjoni tar-regoli mill-Istati Membri. Il-miżuri għandhom ukoll l-għan li jappoġġaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri, u mal-aġenziji tal-UE. Huma jiffokaw fuq rakkomandazzjonijiet biex issir enfasi akbar fuq it-teknoloġiji ġodda, bħall-istampar 3D, u biex jiġi implimentat sett minimu ta' data għal qabdiet ta' armi tan-nar fost l-Istati Membri.
- **L-Għażla 2** tipprevedi **azzjoni leġislattiva** biex tiġi armonizzata l-kriminalizzazzjoni tar-reati ewlenin relatati mal-armi tan-nar (traffikar illeċitu, manifattura illeċita, modifika illeċita tal-marki u pussess illeċitu tal-armi tan-nar), billi jiġu armonizzati d-definizzjonijiet u jiġu stabbiliti livelli minimi ta' pieni massimi. L-għan tal-leġislazzjoni huwa li ttejjeb l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-kundanna ta' reati relatati mal-armi tan-nar. Il-qafas armonizzat se jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera. L-għażla tipprevedi wkoll enfasi leġislattiva fuq teknoloġiji ġodda sabiex l-infurzar tal-liġi jkun jista' jindirizza t-theddida b'mod proattiv, minflok biss b'mod reattiv. Barra minn hekk, l-azzjoni leġislattiva tinkludi rekwiżiti biex jiġi stabbilit sett minimu ta' data armonizzat għas-sekwestru ta' armi tan-nar u biex id-data dwar is-sekwestri tintbagħhat liċ-Ċentru Ewropew tal-Armi tan-Nar. Hija tipprevedi wkoll obbligu għall-Istati Membri li jiġbru u li jirrapportaw data dwar it-traffikar tal-armi tan-nar lill-Kummissjoni, 5 snin wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva, bħala parti mill-evalwazzjoni. Fl-aħħar nett, l-azzjoni leġislattiva tinkludi miżura ddedikata dwar ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jstabbilixxu Punt Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar, sabiex tkompli ittejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera.
- **L-Għażla 3** tipprevedi **taħlita ta' azzjonijiet leġislattivi u miżuri mhux leġislattivi**. Essenzjalment, tkun kopja tal-azzjonijiet leġislattivi kollha kif deskritti taħt l-għażla 2 bi kjarifika addizzjonali dwar kif reati usa' relatati mal-armi tan-nar jaqgħu fi ħdan ir-reati ewlenin. Barra minn hekk, l-azzjonijiet leġislattivi jiġu estiżi b'miżuri mhux leġislattivi mfassla biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet leġislattivi. L-enfasi tkun fuq il-kondiviżjoni tat-tagħlimiet meħuda marbuta ma' teknoloġiji ġodda u l-faċilitazzjoni ta' ttestjar konġunt tal-blueprints marbuta ma' dawn it-teknoloġiji ġodda. Barra minn hekk, hija tiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji billi tistabbilixxi Grupp Fokali biex jiskambja l-informazzjoni.
- **L-Għażla 4** tibni fuq il-miżuri deskritti taħt l-għażla 3 u tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. L-azzjoni leġislattiva tkopri mhux biss ir-reati ewlenin relatati mal-armi tan-nar, iżda **reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar** bħarriattivazzjoni illeċita ta' armi diżattivati, is-senserija illeċita, il-ksur tal-embargo fuq l-armi, u mġiba ħażina fil-kuntest taż-żamma tar-rekords u l-liċenzjar. Barra minn hekk, l-għażla tipprevedi obbligu għall-Istati Membri li jiġbru u li jirrapportaw data dwar it-traffikar tal-armi tan-nar lill-Kummissjoni kull sena.

L-għażla ppreferuta hija l-**Għażla 3**, minħabba li tindirizza l-problemi u l-oġettivi kollha identifikati b'mod proporzjonat u effettiv. L-Għażla 1 mhix meqjusa effettiva biżżejjed

waħedha, minħabba li l-miżuri mhux leġiżlattivi mhux se jipprovdu l-ispinta suffiċjenti għal bidla sinifikanti. L-Għażla 2 tindirizza l-problemi u l-oġġettivi kollha, madankollu, hija meqjusa inqas effettiva minħabba n-nuqqas ta' appoġġ addizzjonali għall-implimentazzjoni tagħha. L-Għażla 4 titqies bħala effettiva biex jintlaħqu l-oġġettivi ddikjarati, iżda l-implimentazzjoni tagħha tpoġġi piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri.

Min jappoġġa liema għażla?

Il-partijiet ikkonċernati kellhom fehmiet differenti fir-rigward tal-għażliet ta' politika, b'xi wħud jipprijoritizzaw it-triq mhux leġiżlattiva, jindikaw li l-indirizzar ta' reati relatati mal-armi tan-nar għandu jibqa' responsabbiltà nazzjonali, filwaqt li oħrajn appoġġaw inizzjattiva leġiżlattiva ffokata fuq sett wiesa' ta' reati relatati mal-armi tan-nar. F'dak ir-rigward, jidher li l-għażla ppreferuta hija dik li hija l-aktar probabbli li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet differenti.

Ix-xejra ġenerali matul il-konsultazzjoni pubblika kollha tissuġġerixxi li l-Istati Membri jappoġġaw inizzjattiva leġiżlattiva għall-armonizzazzjoni ta' diversi definizzjonijiet, inkluża l-kriminalizzazzjoni tal-ħolqien, il-pussess u t-tixrid illeċiti tal-materjali intellettuali għall-istampar 3D (blueprints). B'mod ġenerali, deher li l-awtoritajiet pubbliċi kienu l-aktar li appoġġaw l-inizzjattiva leġiżlattiva fost il-partijiet ikkonċernati. Ħafna Stati Membri ssuġġerew approċċ ta' kombinament tal-għażliet, speċjalment għall-armonizzazzjoni tat-tipi u l-livelli ta' sanzjonijiet.

L-akbar oppożizzjoni għall-inizzjattiva ġiet minn sehem ta' ċittadini tal-UE u mhux tal-UE, madankollu, l-analiżi tat-tweġibiet tiżvela li ħafna setgħu ma fehmux bis-sħiħ l-oġġettivi tal-inizzjattiva: bosta ċittadini kkritikaw l-inizzjattiva li tiddikjara li l-UE ma għandhiex tkun immirata għaċ-ċittadini li josservaw il-liġi u s-sidien legali, iżda pjuttost tiffoka fuq it-tiżiħ tar-rispons tal-infurzar tal-liġi u l-immirar tas-suq illegali. It-tnejn huma eżattament fost l-oġġettivi tal-inizzjattiva.

C. Impatti tal-għażla preferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażla politika preferuta telimina d-diskrepanzi bejn il-qafas kriminali tal-Istati Membri billi tarmonizza, fil-livell tal-Unjoni, id-definizzjonijiet tar-reati differenti relatati mal-armi tan-nar u l-livelli minimi tal-pieni massimi applikabbli. Hija tipprevjeni lill-awturi tar-reati milli jieħdu vantaġġ mil-lakuni u mid-diskrepanzi għall-operazzjonijiet tagħhom. L-armonizzazzjoni tal-qafas kriminali ttejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri u tagħmilha aktar faċli għall-awtoritajiet nazzjonali biex jinvestigaw ir-reati rilevanti u jieħdu passi kriminali dwarhom.

L-għażla politika preferuta tistabbilixxi wkoll settijiet minimi ta' data u kondiviżjoni ta' data dwar is-sekwestri maċ-Ċentru Ewropew tal-Armi tan-Nar fl-Europol, li jtejbu d-disponibbiltà u l-kwalità tad-data, u b'hekk itejbu l-analiżi tat-theddida u l-investigazzjonijiet, li se jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera u se jiggwidaw l-azzjoni politika futura. L-għażla politika preferuta tkompli tindirizza t-theddida dejjem akbar tal-armi tan-nar immanifatturati privatament, li huma aktar diffiċli li jiġu traċċati u li jistgħu jiġu prodotti faċilment sempliċiment billi jiġu segwiti l-istruzzjonijiet misjuba online.

L-għażla politika preferuta tgħin biex jitnaqqas l-għadd kbir ta' armi tan-nar illeċiti fiċ-ċirkolazzjoni u biex tittejjeb direttament is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażla politika preferuta tirriżulta f'investigazzjonijiet aktar effettivi u f'kamp ta' applikazzjoni usa' ta' reati relatati mal-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali. Il-kostijiet relatati jkunu l-ħtieġa għal membri tal-persunal addizzjonali fl-Istati Membri biex iwettqu ż-żieda potenzjali fl-għadd ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' każijiet ta' reati relatati mal-armi tan-nar. Dawn il-kostijiet ġew stmati li jammontaw għal EUR 4 069 175 fis-sena b'kollox għall-Istati Membri kollha matul mill-inqas l-ewwel 5 snin.

Il-kostijiet amministrattivi għad-dipartimenti forensiċi tal-Istati Membri huma mistennija li jiżdiedu fir-rigward tal-għadd ta' armi tan-nar sekwestrati. Tali kostijiet ġew stmati għal EUR 574 564 fis-sena għall-kostijiet amministrattivi għar-rapporti ballistiċi fis-27 Stat Membru kollha u EUR 332 107 addizzjonali fis-sena għar-rapporti ballistiċi dwar il-blueprints diġitali.

Barra minn hekk, il-kostijiet amministrattivi għall-istabbiliment u għall-iżvilupp sħaħ tal-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar fis-27 Stat Membru kollha huma stmati għal EUR 12 070 917 u għall-armonizzazzjoni tad-data relatata mal-armi tan-nar fil-bażijiet tad-data nazzjonali għal EUR 10 800 000 fis-27 Stat Membru kollha.

L-armonizzazzjoni tal-qafas regolatorju kriminali tal-UE għal reati relatati mal-armi tan-nar se tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-kost ekonomiku tal-vjolenza bl-armi tan-nar fl-Unjoni Ewropea. Filwaqt li ma hemm l-ebda riċerka konklużiva dwar il-kostijiet ekonomiċi tal-vjolenza bl-armi tan-nar fl-UE, analiżi li tikkombina r-riċerka mwettqa permezz tal-proġett INSIGHT iffinanzjat mill-UE u r-riċerka dwar il-kost ta' każ speċifiku wieħed ta' sparar mill-Iżvezja tistma li l-kost tal-isparar għas-soċjetà Żvediża huwa xi mkien madwar EUR 120 sa 140 miljun għall-ewwel nofs tal-2024. Iċ-ċifra hija purament waħda teoretika minħabba li tibbaża fuq l-ipoteżi li l-kost ta' dan l-isparar speċifiku wieħed jista' jiġi estrapolat u applikat għall-isparaturi kollha li seħew fl-Iżvezja fl-ewwel nofs tal-2024. Madankollu, din juri li l-kostijiet tal-vjolenza relatata mal-armi tan-nar, filwaqt li huma diffiċli li jiġu stmati, ma humiex negliġibbli.

Kif se jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-għażla politika preferuta ma jkollha l-ebda impatt negattiv fuq is-suq legali. Hija tkun ta' benefiċċju għan-negozji, speċjalment għall-SMEs, billi tipproteġihom kontra kompetizzjoni inġusta minn attività illegali li taffettwa b'mod negattiv l-immaġni tas-settur kollu u tirriżulta f'telf ta' profitt.

Il-kriminalizzazzjoni tal-produzzjoni, il-pussess u t-tixrid illeċiti tal-blueprints diġitali u tal-kopji stampati għall-iskop tal-iffabbrakar tal-armi tan-nar jew tal-komponenti essenzjali tgħin lin-negozju legali billi tipproteġi d-drittijiet intellettuali li għandhom tal-mudelli jew fuq l-innovazzjonijiet.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Il-kostijiet annwali għal membri tal-persunal addizzjonali fl-Istati Membri biex iwettqu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' reati relatati mal-armi tan-nar, kif ukoll il-kostijiet amministrattivi addizzjonali tad-dipartimenti forensiċi ġew stmati għal madwar EUR 135 000 000 b'kollox għall-Istati Membri kollha matul l-ewwel 5 snin.

Il-kost ta' darba tal-istabbiliment u tal-iżvilupp sħaħ tal-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar u l-armonizzazzjoni tad-data relatata mal-armi tan-nar fil-bażijiet tad-data nazzjonali fis-27 Stat Membru kollha huwa stmat għal EUR 22 870 917.

L-għażla politika preferuta tinkludi miżuri dwar l-istabbiliment ta' sett minimu ta' data

armonizzat dwar is-sekwestru tal-armi tan-nar. Xi Stati Membri jkollhom bżonn jorganizzaw mill-ġdid il-bażi tad-data tagħhom biex jimplimentaw is-sett ta' data armonizzat.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?

L-inizjattiva se tkun ukoll ta' benefiċċju għall-ġlieda kontra reati oħrajn bħall-ħasil tal-flus, it-terroriżmu, it-traffikar tad-drogi, ir-reati vjolenti, il-falsifikazzjoni jew forom oħrajn ta' kriminalità organizzata, li kontribom, l-UE adottat firxa ta' leġiżlazzjonijiet f'dawn l-aħħar snin. Minħabba li r-reati relatati mal-armi tan-nar spiss ikunu relatati ma' dawn ir-reati, leġiżlazzjoni aktar effettiva tikkontribwixxi għal strateġiji effettivi ta' infurzar tal-liġi kriminali u, b'mod ġenerali, ittejjeb is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

L-inizjattiva se jkollha impatt speċjali fuq iċ-ċittadini żgħażaġh, minħabba li l-armi tan-nar illeċiti jikkontribwixxu għall-fenomenu inkwetanti taż-żgħażaġh Ewropej li jiġu involuti f'attivitajiet kriminali u li jsofru huma stess minn vjolenza bl-armi tan-nar.

D. Segwitu

Meta se tiġi riveduta l-politika?

5 snin wara t-traspożizzjoni, filwaqt li jitqies iż-żmien meħtieġ għall-applikazzjoni u l-ġbir tad-data.